SANTA LUĊIJA

# LAQGĦA TAL-LOKALITA` - 2017

**DATA: Is-Sibt, 28 ta' Jannar 2017** **ĦIN: 10.00a.m.**

Il-Laqgħa tal-Lokalita` saret fit-Tea Room, fi Ġnien is-Serenita'.

Attendew għal-laqgħa: Is-Sindku, Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar, il-Kunsilliera: Liam Sciberras, Caroline Galea u Joseph Bonello. Preżenti kien hemm ukoll is-Segretarju Eżekuttiv Caroline Silvio, l-Assistent Prinċipal Louise Gatt flimkien ma' numru ta' residenti.

## 1. MERĦBA MIS-SINDKU

Is-Sindku, filwaqt li sellem lil dawk preżenti u tahom merħba, stqarr li din il-laqgħa pubblika kienet qed issir kif provdut fl-Att Dwar il-Kunsilli Lokali.

## 2. RAPPORT AMMINISTRATTIV

Is-Sindku għadda biex qara u spjega Rapport Amministrattiv li ġie ppreparat mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u li jkopri l-perjodu minn l-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016. Fost l-aktar affarijiet importanti li ssemmew insibu:

- Ħatra ta' Sotto-Kumitati
- Proġett tal-Jogging Track
- Proġett tal-Berġa
- Proġett ta' Restawr tal-Kappella ta' Santa Luċija
- Sħubija fil-GAL XLOKK
- Iffirmar ta' Ftehim taħt l-Iskema tal-ETC xogħol fil-Kommunita'
- Xogħol ta' Manutenzjoni
- *Water Culvert* fi Triq Pensjeri
- *Floodlighting* fil-*5-a-side Football Pitch*
- Gemellaġġi
- *Europe for Citizen* – Proġett *Welcome*
- Skemi
- Inizjattivi Indirizzati lejn il-Komunita'
- Jum Santa Luċija u Ġieħ Santa Luċija
- Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

Kopja ta' dan ir-rapport qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

## 3. PJAN TA’ ĦIDMA GĦAS-SENA 2017

Is-Sindku qara Pjan ta’ Ħidma li l-Kunsill għandu għas-sena 2017. Huwa spjega fid-dettal il-punti kollha li hemm imsemmija f’dan ir-rapport li kopja tiegħu qed tiġi annessa ma’ dawn il-minuti. Fost dawn insibu:

- Allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2017
- Proġetti
- Xogħol ta’ *Upgrading*
- Attivitajiet u Inizjattivi indirizzati lejn il-komunita’

## 4. KUMMENTI U SUĠĠERIMENTI TAR-RESIDENTI

***Is-Sur Joe Gaffarena***

Is-Sur Gaffarena staqsa kif jintgħażlu l-membri tas-sotto-kumitati. Huwa staqsa wkoll min iħallas għal ħaddiema tal-ELC li jaħdmu fil-ġnien Ċiniż. Is-Sur Gaffarena qal ukoll li ilna għoxrin sena nisimgħu fuq il-periklu li hemm fil-ħruġ minn Santa Luċija u għadu ma sar xejn. Huwa qal lir-residenti jużaw dan il-ħruġ kuljum għalhekk qed jitkellem fuq hekk. Is-Sur Gaffarena qal li jiddejjaq jara vendikazzjonijiet fil-latrini u ċnut imwaqqin. Huwa qal proset lill-Kunsill għall-attivitajiet li ġew organizzati fil-ġranet tal-Milied u semma b’mod partikulari il-Presepju Ħaj.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sur Ellul qal li s-sotto-kumitati jiġu mwaqqfa mill-membri tal-Kunsill li jinnominaw persuni biex jiffurmaw sotto-kumitat. Huwa kompla jgħid li s-sotto-kumitati jiġi approvati mill-Kunsill. Rigward il-ħaddiema tal-ELC Ltd. is-Sindku qal li dawn huma l-kuntratturi tal-Kunsill u mħallsa mill-Kunsill.

Rigward il-ħruġ minn Santa Luċija qamet diskussjoni u l-Viċi Sindku qal li dejjem insemmu l-istess affarijiet. Huwa qal li dik trid issir mill-Gvern Ċentrali u mhux mill-Kunsill. Huwa qal li qed isir proġett wara l-ieħor u issa jmiss lilna wkoll.

***Is-Sur Joe Attard***

Is-Sur Joe Attard qal li meta kien hemm problema fid-dawl tal-i*street lighting* fi Triq il-Ġnien damu ħames ġimgħat biex xegħluhom. Huwa qal li l-istaff tal-Kunsill kien iċempel quddiemu. Is-Sur Attard qal ukoll li saret żabra u ma nġabritx mill-ewwel bir-riżultat li tferxet bir-riħ u nstadd taħt il-grada tal-gutter li sar fi Triq il-Ġnien.

***Tweġiba tas-Sindku***

Fit-tweġiba tiegħu is-Sindku nfuraħ li nbidlu xi arbli tal-Enemalta iżda is-Sur Attard qal li l-arblu li qed jitkellem fuqu ma nbidilx.

## 5. DISKORS TAL-GĦELUQ

Is-Sindku stieden lil membri tal-Kunsill biex jgħaddu l-messaġġ tagħhom lil pubbliku preżenti għal din il-laqgħa.

### *5.1 Il-Kunsilliera Caroline Galea*

Il-Kunsilliera Caroline Galea irringrazzjat lil dawk preżenti talli attendew għal din il-laqgħa. Hija qalet li dawk preżenti qed juru li għandhom għal qalbhom il-lokalita' u l-Komunita' ta' Santa Luċija. Hija qalet li Gvern Lokali huwa marbut bi proċeduri u burokrazija u mhux dejjem ikun possibli li jimxu mal-*wishlist*, *timeframes* u l-aspettativi tar-residenti. Hija ħeġġet lir-residenti biex jikkomunikaw mal-Kunsill is-sena kollha.

### *5.2 Il-Kunsillier Liam Sciberras*

Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li mhux dejjem qed jintlaħaq dak li nixtiequ aħna. Huwa tkellem fuq l-inizjattiva – Stronger Communites Literacy Projects at Local Level u qal li l-Kunsill ser jingħata €3000.00 biex jattrezza aħjar l-IT Centre b'komputers ġodda biex ikun jista' jitwaqqaf Homework Club u Job Club. Huwa rringrazzja lil dawk presenti u qal li kien ta' pjaċir għalih li jiltaqa' magħhom.

### *5.3 Il-Kunsillier Joe Bonello*

II-Kunsillier Bonello qal li jiddisappunta ruħhu dwar in-nuqqas ta' koperazzjon ta' xi nies li tgħoddhom fuq id waħda, li għadhom iħallu l-klieb iħammġu fit-toroq. Semma wkoll l-abbuż ta' dawk li għadhom joħorġu l-borża s-sewda nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħadd. Huwa qal li l-Kunsill joffri kemm boroż griżi u anki boroż għal ħmieġ tal-klieb grazzi għall-inizjattiva Happy Dog.

### *5.4 Il-Viċi Sindku Frederick Cutajar*

Is-Sur Cutajar irringrazzja lil dawk preżenti talli attendew din il-laqgħa. Huwa skuża ruħhu mas-Sur Gaffarena u kompla jispjegalu li l-proġett tal-Junction fi Triq Ħal-Luqa ġie approvat fl-aħħar *budget* tal-Gvern. Huwa qal li dan mhux ser jagħmlu l-Kunsill u kollox irid isir fil-ħin opportun. Huwa qal li kif qal is-Sur Gaffarena, il-proġett tal-toroq arterjali ilu għoxrin sena. Huwa kompla jgħid li Luqa Road ser issir issa, għalkemm ilha snin twal imkissra. Qal li qed jinġiebu fondi mill-Unjoni Ewropea għal dawn ix-xogħolijiet. Huwa temm il-mesaġġ tiegħu billi qal li jixtieq jara aktar residenti li jattendu din il-laqgħa tal-lokalita'.

### *5.5 Is-Sindku Terrence Ellul*

Is-Sindku rringrazzja lil dawn preżenti u qal li l-Kunsill jimxi l-quddiem bis-saħħa tar-residenti. Huwa qal li għada kif ġiet *launched* il-*website* il-ġdida tal-Kunsill biex jinżamm aktar kuntatt mar-residenti u tingħata aktar informazzjoni dwar il-ħidma li jkun qed iwettaq il-Kunsill. Is-Sindku qal li huwa dejjem disponibbli, is-sena kollha.

## 6. TMIEM

Il-laqgħa ntemmet fil-11.15a.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum, it-Tnejn 27 Frar 2017**

**Terrence Ellul**
**Sindku**